**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Gunju 2021**

Rikors Konguntiv Numru: 91/21 AL

AB

u

CB

Rat ir-rikors konġunt li ġie kkonfermat bil-ġuramentat miż-żewġ rikorrenti li permezz tiegħu ppremettew:

1. Illi l-esponenti żżewġu nhar is-sitta (6) t' April elfejn u tnejn (2002) ċertifikat anness;

2. Illi l-esponenti ikkonkludew kuntratt ta' separazzjoni personali, permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dott. Nicholas Vella datat tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) li kopja tiegħu qegħda tiġi hawn annessa, u mmarkata bħala Dok. A,

3. Illi minn dana ż-żwieġ, il-kontendenti kellhom tifel, illum maġġiorenni.

4. Illi presenzjalment, l-esponenti jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin bħal ma ilhom sa' minn sebgħa (7) snin qabel ma ġie ppublikat il-preċitat kuntratt, u għalhekk ma għad hemm l-ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejntiehom;

5. Illi ai termini tal-kuntratt preċitat (klawsola tlieta (3)), l-esponenti irrinunzjaw mid-dritt rispettiv tagħhom li jitolbu u jirċievu manteniment mingħand xulxin;

6. Illi mill-fuq pemess isegwi illi huma sodisfatti l-kwesiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex jiġi pronunzjat il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

Talbu lill-dina l-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara l-ħall taż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet nhar is-sitta (6) t' April elfejn u tnejn (2002), ai termini tal-Artikolu 66D (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; u

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex entro terminu ffissat minn dina l-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-pronunzja ta' ħall taż-żwieġ ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A (4) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Marzu, 2021;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' Marzu, 2019 u *de facto* separati għal aktar minn erba` snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.